FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Dicembru, 2001

**Numru 7**

**Avviz numru 146/01JR**

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Emanuel Grixti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitta u disghin lira Maltija u seba' centezmi (Lm96.07), prezz ta' merci lilu mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tieghu;**

**Bl-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Settembru, 2000, fl-ammont ta' hames liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm5.75) u bl-imghaxijiet legali**

mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.

Semgha x-xhieda ta' Dr. John Laferla ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lilll-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitta u disghin lira Maltija u seba' centezmi (Lm96.07), bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' April, 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Settembru, 2000, fl-ammont ta' hames liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm5.75), ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
GUDIKATUR